**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 171/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Gabriel Micallef u Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Yebio Berihe Beyen**
**(ID 69636(A))**

**Illum, 25 ta' Awwissu 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Yebio Berihe Beyen ta' 41 sena, iben Berihe u Hiwet nee` Webleslasie, imwieled l-Eritrea nhar it-12 ta' Awwissu 1974, residenti numru 318, Rue D'Argens, Gzira u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 69636(A);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Lulju 2016 u fil-granet ta' qabel din id-data:

a) Ipproduca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, in-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u l-ammont ta' droga attribwita lilu, kif ukoll illi f'dan il-kaz

japplika l-aggravju ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tar-reati kkontemplati fl-imputazzjonijiet (a) u (b) u qed tikkunsidra r-reat mertu tal-imputazzjoni (c) bhala kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u qed tikkundannah ghall-piena ta’ hdax-il xahar (11) prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta’ din is-sentenza - u piena ta’ multa ta’ disa’ mija u hamsin Euro (€950).

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta’ tnejn u sebghin Euro (€72) formanti parti minn Dokument KP favur il-Gvern ta’ Malta, fil-waqt li tordna r-rilaxx tal-*mobile phone*, esebit ukoll bhala parti minn Dokument KP, favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni ta’ Dokument KP1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat